



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 10 ta' Novembru 2022
(OR. en)

14562/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0371(COD)

ECOFIN 1139
CODEC 1701
RELEX 1496
NIS 27
FIN 1195
COEST 815

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	10 ta' Novembru 2022
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 597 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi Strument għall-għoti ta' appoġġ lill-Ukrajna għall-2023 (assistenza makrofinanzjarja +)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 597 final.

Mehmuż: COM(2022) 597 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.11.2022
COM(2022) 597 final

2022/0371 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi Strument għall-għoti ta' appoġġ lill-Ukrajna għall-2023 (assistenza makrofinanzjarja +)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

L-eskalazzjoni reċenti tar-Russja tal-gwerra brutali ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna tikkonferma d-determinazzjoni tagħha li tikser id-drittijiet fundamentali tal-Ukrajna għall-indipendenza, is-sovraniżmu u l-integrità territorjali fil-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment u li teqred il-vijabbiltà tagħha bħala Stat. Il-qlubija, il-kuraġġ u d-determinazzjoni murija mill-poplu Ukren biex jiddefendi pajjiżhom jistħoqqilhom rispett u gratitudni profondi.

F'approċċ ta' Tim Ewropa, l-UE, l-Istati Membri tagħha u l-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej sa mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja mmobilizzaw EUR 19,7 biljun għar-reżiljenza ekonomika, soċjali u finanzjarja tal-Ukrajna. Dan jgħaqqad l-appoġġ mill-baġit tal-Unjoni (EUR 12,4-il biljun), inklużi l-assistenza makrofinanzjarja, is-self u l-investiment mill-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp, iggarantiti bis-sħiħ jew parzjalment mill-baġit tal-UE, kif ukoll appoġġ finanzjarju ulterjuri mill-Istati Membri (EUR 7,3 biljun).

Il-baġit tal-UE, b'mod partikolari permezz tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat u l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali, ilu jipprovdi appoġġ komprensiv għar-riforma u l-investiment lill-Ukrajna mill-2014. Sa mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni Russa, dan l-appoġġ ġie orjentat mill-ġdid lejn l-assistenza ta' emerġenza u, dejjem aktar, lejn ir-riabilitazzjoni tal-infrastruttura u tad-djar nazzjonali u muniċipali danneġġati/meqruda. Huwa kruċjali li dan l-appoġġ jitkompla b'mod komplementari permezz tal-istrument tal-AMF+, inkluż permezz ta' riformi marbuta mat-triq Ewropea tal-Ukrajna.

Barra minn hekk, il-Kunsill iddeċieda dwar miżuri ta' assistenza biex jappoġġa lill-forzi armati Ukreni taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi, li jammontaw għal EUR 3,1 biljun, u missjoni ta' assistenza militari b'appoġġ għall-Ukrajna b'EUR 0,1 biljun għall-ispejjeż komuni bl-għan li jitħarrġu 15 000 suldat bħala l-ewwel bidu. L-UE u l-Istati Membri tagħha taw ukoll rispons ta' emerġenza in natura bla preċedent permezz tal-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili, li jikkostitwixxi l-akbar operazzjoni ta' emerġenza mill-ħolqien tal-Mekkaniżmu, u alloka miljuni ta' oġġetti ta' emerġenza lejn l-Ukrajna u r-reġjun.

Il-ħsara mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja fuq l-ekonomija, iċ-ċittadini u n-negozji Ukreni hija tremenda. Fuq medda qasira ta' żmien, il-Fond Monetarju Internazzjonali jbassar li l-ekonomija tal-Ukrajna tista' tiċkien sa 35 % f'termini reali sal-aħħar ta' din is-sena. L-inflazzjoni qed taċċellera u hija mistennija li tilħaq 30 % sa tmiem l-2022, minħabba skarsezzi ta' oġġetti, sfidi loġistiċi għall-provvista u l-finanzjament tal-ħtiġijiet tal-gvern permezz tal-ħolqien monetarju.

Minħabba l-gwerra li għaddejja tar-Russja, il-ħtiġijiet ta' finanzjament għal terminu qasir tal-Ukrajna għall-2023 huma mistennija li jkunu sinifikanti. Skont stimi reċenti mill-awtoritajiet Ukreni, f'kooperazzjoni mal-Fond Monetarju Internazzjonali, se jkun hemm diskrepanza kontinwa fil-finanzjament ta' bejn EUR 3 biljun u EUR 4 biljun fix-xahar fl-2023. L-Ukrajna se tkompli tesperjenza ħtiġijiet għoljin ta' finanzjament għal terminu qasir, biex iżżomm il-funzjonijiet statali essenzjali, tiżgura l-istabbiltà makroekonomika u tirriabilita l-infrastruttura

kritika meqruda mill-gwerra tar-Russja. Huwa għalhekk li huwa kruċjali li l-appoġġ il-ġdid jiġi mobilizzat malajr kemm jista' jkun.

Ix-xhur li ġejjin se jkunu deċiżivi biex jintlaħaq qbil dwar appoġġ addizzjonali. Dan l-appoġġ għal żmien qasir se jeħtieġ sforz internazzjonali kkoordinat u kooperazzjoni mill-qrib fost is-sħab internazzjonali. L-UE tinsab soda fl-appoġġ tagħha lill-Ukrajna li l-futur tagħha jinsab fl-UE. It-tkomplija tal-appoġġ lill-Ukrajna b'approċċ kollettiv organizzat hija prijorità qawwija għall-Unjoni.

L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni lill-Ukrajna fl-2022 kienet ġeneruża u effettiva. L-Unjoni impenjat EUR 7,2 biljun f'self konċessjonali ħafna, inkluż sussidju fuq il-pagamenti tar-rati tal-imgħax, bil-pakketti ta' assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali u ta' emerġenza tagħha, li minnhom EUR 4,2 biljun diġà ġew żborżati sa nofs Ottubru, bit-EUR 3 biljun li jifdal mistennija jaslu fl-Ukrajna sa tmiem is-sena. Madankollu, sa issa ngħatat assistenza fuq bażi *ad hoc*, li tkopri ftit xhur kull darba. Dan kien jeħtieġ proviżjonament sinifikanti mill-baġit tal-UE u mill-garanziji nazzjonali. Għaldaqstant, jenħtieġ li jiġi kkunsidrat approċċ aktar strutturali u effiċjenti għall-appoġġ tal-Unjoni lill-Ukrajna fl-2023. Din il-proposta tistabbilixxi qafas ordnat u sostenibbli għat-twassil tal-assistenza finanzjarja lill-Ukrajna, filwaqt li toffri biżżejjed flessibbiltà biex jiġi aġġustat l-appoġġ għall-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-pajjiż li qed jevolvu u tħejji t-triq għal Faċilità futura ta' "Rikostruzzjoni tal-Ukrajna", f'konformità mal-Komunikazzjoni tat-18 ta' Mejju 2022 dwar "l-Għajnuna u r-Rikostruzzjoni mill-Ukrajna"¹ u l-prinċipji maqbula fil-Konferenza ta' Lugano għar-Riforma tal-Ukrajna ta' Lulju 2022.

Il-parametri wesgħin tal-appoġġ ta' għajnuna u riabilitazzjoni tal-Unjoni għandhom jiġu deċiżi għall-2023 kollha fuq il-bażi ta' qafas stabbli. Sistema unifikata u effiċjenti biex tiżgura l-aħjar kundizzjonijiet ta' self u testendi l-aċċess għas-suq għal appoġġ ta' self għandha vantaġġi kbar f'kuntest ta' spejjeż u rati tal-imgħax li qed jiżdiedu.

Għal dan il-għan, il-Kummissjoni tipproponi li toħloq strument biex tipprovdi appoġġ lill-Ukrajna (assistenza makrofinanzjarja+) għall-2023. L-istrument se jipprovdi għajnuna finanzjarja għal terminu qasir fil-forma ta' self konċessjonali ħafna b'mod prevedibbli, kontinwu, ordnat u f'waqtu, jiffinanzja l-ħtiġijiet immedjati, ir-riabilitazzjoni tal-infrastruttura kritika u l-appoġġ inizjali għar-rikostruzzjoni ta' wara l-gwerra, bil-ħsieb li jappoġġa lill-Ukrajna fi triqitha lejn l-integrazzjoni Ewropea. L-UE se tissussidja l-kostijiet tar-rata tal-imgħax tal-Ukrajna, li se jiġu ffinanzjati minn kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri fil-forma ta' dħul assenjat estern sa tmiem l-2027. Sabiex tiġi żgurata l-kopertura tal-ispejjeż tal-imgħax matul il-ħajja tas-self, il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri lil hinn mill-2027 jenħtieġ li jiġġeddu u jkomplu bħala dħul assenjat estern sakemm ma jkunux koperti b'mezzi oħra f'oqfsa finanzjarji pluriennali futuri. Barra minn hekk, l-ammonti li jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet volontarji addizzjonali mill-Istati Membri u kontribuzzjonijiet possibbli minn pajjiżi terzi u terzi persuni jistgħu jipprovdu appoġġ mhux ripagabbli.

Il-ħtiġijiet ta' finanzjament li ġejjin għall-Ukrajna jeħtieġu mobilizzazzjoni u żborż b'mod kosteffettiv u aġli. Huwa ta' importanza kbira li dan il-finanzjament jiġi organizzat b'metodu uniku ta' finanzjament flimkien ma' finanzjament ieħor tal-UE sabiex ikunu jistgħu jintlaħqu ħtiġijiet multipli ta' politika fl-istess ħin. Għal din ir-raġuni, huwa meħtieġ li jiġi emendat ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, biex tiġi stabbilita l-istrateġija ta' finanzjament

¹ COM/2022/233 final

diversifikata, attwalment implimentata għat-teħid b'self skont id-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/2053² bħala l-metodu bażi għall-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet ta' teħid b'self.

Sabiex tiġi żgurata bażi finanzjarja soda, is-self lill-Ukrajna għandu jkun appoġġat minn garanzija mill-marġni ta' manuvra tal-baġit tal-UE, jiġifieri l-ispazju baġitarju 'l fuq mill-limitu massimu għall-pagamenti tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) sal-limitu massimu tar-riżorsi proprji. Dan jipprovdi livell għoli ta' protezzjoni u riassigurazzjoni lill-investituri, jevita l-proviżjonament ta' self jew l-istabbiliment ta' garanziji nazzjonali, mingħajr bidliet fid-daqs jew fil-limiti massimi tal-QFP. Dan jeħtieġ emenda limitata tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093³ li se tippermetti li l-obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw minn assistenza finanzjarja lill-Ukrajna disponibbli għall-2023 u l-2024 jiġu ttrattati bl-istess mod bħall-assistenza finanzjarja għall-Istati Membri.

L-appoġġ bl-istrument se jirrikjedi li l-Ukrajna tkompli ssaħħaħ l-istat tad-dritt, il-governanza tajba, il-miżuri kontra l-frodi u kontra l-korruzzjoni. Għalhekk, filwaqt li titqies l-evoluzzjoni fil-prattika, l-appoġġ finanzjarju jenħtieġ li jkun inkwadrat minn kundizzjonijiet ta' politika, dejjem aktar immirat lejn it-tisħiħ tal-istituzzjonijiet tal-Ukrajna u t-tnejn tat-triq għal sforz ta' rikostruzzjoni b'suċċess kif ukoll l-appoġġ għall-isforzi tal-Ukrajna fit-triq Ewropea tagħha.

Il-futur tal-Ukrajna u taċ-ċittadini tagħha jinsab tabilħaqq fl-UE. Il-Kunsill Ewropew ta *status* ta' kandidat lill-Ukrajna f'Ġunju 2022. L-isforz immedjat biex tiġi sostnuta r-reżiljenza finanzjarja tal-Ukrajna kif ukoll ir-rikostruzzjoni fit-tul se jirrikjedu l-għarfien espert tal-Unjoni, f'bidma mas-sħab internazzjonali, kif ukoll it-trasparenza u l-monitoraġġ.

- **Konsistenza ma' dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

L-appoġġ b'dan l-istrument se jkun konsistenti u komplementari għall-attivitajiet iffinanzjati skont ir-Regolament (UE) 2021/947⁴ u r-Regolament (KE) Nru 1257/96⁵ f'konformità mal-oġġettivi, il-loġika ta' intervent u r-regoli rispettivi ta' dawn l-istrumenti.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-*istatus* ta' kandidat mogħti mill-Kunsill Ewropew fit-23 ta' Ġunju 2022 jankra bil-qawwa lill-Ukrajna fit-triq Ewropea tagħha. Huwa għalhekk li r-rispons kollu tal-UE b'appoġġ għar-reżiljenza u l-irkupru tal-Ukrajna – inkluż permezz ta' dan l-istrument – se jikkontribwixxi wkoll għall-fażi bikrija tal-proċess ta' qabel l-adeżjoni tal-Ukrajna.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom (ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1).

³ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021 sa 2027 ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 11.

⁴ Ir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali - Ewropa Globali, li jemenda u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 466/2014/Unjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L 209, 14.6.2021, p. 1.

⁵ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 ta' Ġunju 1996 rigward l-għajnuna umanitarja (ĠU L 163, 2.7.1996, p. 1).

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 212 TFUE huwa bażi ġuridika xierqa għall-programm ta' assistenza finanzjarja mogħti mill-Unjoni lil pajjiżi terzi, li mhumiex pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp. L-aggressjoni militari kontinwa mhux provokata u mhux ġustifikata mir-Russja tirrikjedi l-ġħoti ta' assistenza finanzjarja addizzjonali lill-Ukrajna f'konformità mal-oġettivi u l-modalitajiet deskritti f'din il-proposta.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà jiġi rispettat billi l-ħtieġa ta' reazzjoni komuni fl-ġħoti ta' appoġġ lill-Ukrajna fuq skala adegwata ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom u jista' jinkiseb aħjar mill-UE. Ir-raġunijiet ewlenin huma r-restrizzjonijiet ta' kapacià fiskali u dawk baġitarji li qed jiġu affaċċjati fil-livell nazzjonali u l-ħtieġa għal koordinazzjoni b'saħħitha tad-donaturi sabiex jiġu massimizzati l-iskala u l-effettività tal-appoġġ, filwaqt li jiġi limitat il-piż fuq il-kapacià amministrattiva tal-awtoritajiet tal-Ukrajna, li hija mġebbdha ħafna fiċ-ċirkostanzi attwali.

- **Proporzjonalità**

L-appoġġ finanzjarju propost lill-Ukrajna huwa meqjus adegwat fid-daqs, fuq il-bażi tal-aħjar stimi tal-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-Ukrajna, ippreżentati mill-awtoritajiet nazzjonali u vvalutati f'kooperazzjoni mal-komunità internazzjonali, inkluż il-Fond Monetarju Internazzjonali. Tali appoġġ ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ għall-iskop imfittex biex jiġi pprovdut appoġġ strutturat u prevedibbli lill-Ukrajna fl-2023 u l-finanzjament relatat tagħha.

- **Għażla tal-istrument**

Regolament huwa l-istrument xieraq billi jipprovdi regoli applikabbli direttament għall-appoġġ.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Il-proposta ssegwi sensiela ta' operazzjonijiet ta' assistenza makrofinanzjarja pprovduti lill-Ukrajna mill-2015. Evalwazzjonijiet *ex post* tal-operazzjonijiet preċedenti tal-AMF lill-Ukrajna wrew li b'mod ġenerali kienu rilevanti ħafna f'termini tal-oġettivi, tal-pakkett finanzjarju u tal-kundizzjonijiet ta' politika tagħhom. B'mod partikolari, l-operazzjonijiet tal-AMF kienu kruċjali biex jappoġġaw lill-Ukrajna fl-indirizzar tal-problemi tagħha tal-bilanċ tal-pagamenti u fl-implimentazzjoni ta' riformi strutturali ewlenin biex tiġi stabbilizzata l-ekonomija u tissaħħaħ is-sostenibbiltà tal-pożizzjoni esterna tagħha. Huma ppermettew ffrankar fiskali u benefiċċji finanzjarji, u aġixxew bħala katalist għal appoġġ finanzjarju addizzjonali u l-fiduċja tal-investituri. Ġie determinat li l-kondizzjonalità marbuta mal-operazzjonijiet tal-AMF kienet komplementari għall-programmi relatati tal-FMI. Dan ħoloq effett politikament rinforzanti li kkontribwixxa għall-mobilizzazzjoni tal-awtoritajiet Ukraini madwar riformi essenzjali, speċjalment f'oqsma ta' politika strutturali li huma inqas koperti minn programmi internazzjonali oħra ta' donaturi.

L-approċċ wieħed b'wieħed għall-assistenza finanzjarja lill-Ukrajna fl-2022 wera żvantaġġi sinifikanti fil-kuntest tal-gwerra, madankollu, b'mod partikolari biex jintlaħaq qbil dwar in-naħa tal-finanzjament. Dan kien jeħtieġ proviżjonament sinifikanti mill-baġit tal-UE u/jew mill-garanziji nazzjonali. Sabiex jiġi evitat li l-leġislaturi tal-UE u dawk nazzjonali jkollhom jirrikorru ripetutament għal kwistjonijiet ta' appoġġ finanzjarju, il-parametri wesgħin tal-appoġġ ta' għajjuna u riabilitazzjoni tal-Unjoni għandhom jiġu deċiżi għall-2023 kollha fuq il-bażi ta' qafas stabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-proposta twettaq is-sejħiet għal appoġġ stabbli u prevedibbli tal-Unjoni lill-Ukrajna mill-komunità internazzjonali u mill-pajjiż innifsu. Fit-tnejn ta' din il-proposta, is-servizzi tal-Kummissjoni kkonsultaw ma' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u ma' donaturi oħra bilaterali (inklużi l-Istati Membri) u multilaterali, b'għarfien espert sinifikanti, inkluż fir-rigward tal-ekonomija tal-Ukrajna. Il-Kummissjoni kienet ukoll f'kuntatt regolari mal-awtoritajiet tal-Ukrajna.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-proposta tibni fuq esperjenza twila ta' 30 sena ta' assistenza makrofinanzjarja kif ukoll fuq l-esperjenza bl-appoġġ tal-azzjoni esterna tal-Unjoni.

Il-Kummissjoni bbażat din il-proposta fuq analiżi bir-reqqa, li tibni wkoll fuq l-inputs minn istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u istituzzjonijiet internazzjonali kompetenti oħra, tal-ħtiġijiet finanzjarji u s-sitwazzjoni makrofinanzjarja usa' tal-Ukrajna. Dan jinkludi diskussjonijiet fuq bażi regolari tal-aħħar projezzjonijiet tal-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-Ukrajna f'fora internazzjonali, pereż. il-G7, il-Konferenza Internazzjonali ta' Esperti dwar l-Irkupru, ir-Rikostruzzjoni u l-Modernizzazzjoni tal-Ukrajna, kif ukoll kuntatti diretti kontinwi mal-awtoritajiet Ukreni.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni hija strument ta' emerġenza eċċezzjonali li għandu l-għan li jindirizza diffikultajiet severi għall-bilanċ tal-pagament f'pajjiżi terzi. B'mod aktar ġenerali, il-proposti tal-AMF tal-Kummissjoni jibnu fuq it-tagħlimiet meħuda minn evalwazzjonijiet *ex post* imwettqa fuq operazzjonijiet tal-passat fil-viċinat tal-UE. Dan l-istrument tal-AMF+ se jgħin biex jittaffew il-ħtiġijiet ta' finanzjament għal terminu qasir tal-Ukrajna fl-2023 fiċ-ċirkostanzi straordinarji attwali. Ir-rekwiżiti ta' rapportar u l-kundizzjonijiet ta' politika marbuta miegħu għandhom l-għan li jiżguraw l-effiċjenza, it-trasparenza u r-responsabbiltà tal-appoġġ. Dan l-Istrument tal-AMF+ jenħtieġ li jibni fuq il-kisbiet tas-seba' programmi tal-AMF mill-2015, inkluża l-aħħar operazzjoni tal-AMF marbuta mal-COVID-19, mal-operazzjoni ta' emerġenza kmieni fl-2022 u dik eċċezzjonali tal-2022.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Il-proposta ma hijiex marbuta mal-idoneità regolatorja u s-simplifikazzjoni.

- **Drittijiet fundamentali**

Prekundizzjoni għall-għoti ta' appoġġ skont l-istrument hi li l-Ukrajna tkompli tirrispetta mekkaniżmi demokratiċi effettivi u lill-istituzzjonijiet tagħha, inkluża s-sistema parlamentari b'diversi partiti u l-istat tad-dritt, u l-garanzija tar-rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem.

L-impenn ta' riforma u r-rieda politika qawwija mill-awtoritajiet Ukreni huma sinjal pożittiv, b'mod partikolari kif muri mill-Kunsill Ewropew li ta l-*istatus* ta' kandidat lill-Ukrajna f'Ġunju 2022 u mit-tlestija b'suċċess imġedda tal-kundizzjonalità tal-politika strutturali marbuta mal-operazzjonijiet reċenti tal-AMF lill-Ukrajna. Mindu sehhiet l-aggressjoni Russa, l-awtoritajiet tal-Ukrajna wrew grad impressjonanti ta' reżiljenza u baqgħu impenjati li jsegu dawn ir-riformi b'mod trasparenti u li jaħdmu lejn l-istandards tal-UE u f'konformità mal-perkors tal-pajjiż lejn integrazzjoni fl-UE.

Għal dan il-għan, il-prekundizzjoni politika għal operazzjoni ta' AMF hija meqjusa bħala ssodisfata fil-preżent. Fl-istess ħin, l-aderenza kontinwa ma' din il-prekundizzjoni politika se tkompli tiġi żgurata permezz ta' kundizzjonalitajiet ta' politika kif stabbilit fil-Memorandum ta' Qbil futur għal dan l-istrument.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Se jiġi pprovdut Pakkett globali sa EUR 18-il biljun f'self għal perjodu ta' 12-il xahar, li jikkorrispondi għal medja ta' EUR 1,5 biljun fix-xahar. Dan l-ammont jiżdied mal-assistenza pprovduta permezz ta' strumenti eżistenti.

Ammonti addizzjonali li jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet volontarji speċifiċi mill-Istati Membri (bħala dħul assenjat estern) jintużaw għall-finijiet li ġejjin:

- Appoġġ għall-kostijiet tal-imgħax tas-self – ma jista' jiġi stabbilit l-ebda volum fil-mira minn qabel billi dawn il-kostijiet se jiddependu fuq l-imgħax reali fuq is-self
- Appoġġ li ma jitħallasx lura għal attivitajiet koperti mill-Memorandum ta' Qbil tal-Istrument jew
- Li għandu jiġi indirizzat lill-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali (NDICI) u/jew Għajnuna Umanitarja għal attivitajiet li jibbenefikaw minnhom l-Ukrajna.

Barra minn hekk, il-pajjiżi terzi u terzi persuni jistgħu jagħmlu disponibbli riżorsi addizzjonali għal dawk deskritti hawn fuq, bħala dħul assenjat estern biex jikkontribwixxu għall-Memorandum ta' Qbil tal-Istrument jew biex jiġu diretti lill-NDICI u/jew l-Għajnuna Umanitarja għal attivitajiet li jibbenefikaw lill-Ukrajna.

Il-Kummissjoni biħsiebha tagħti s-self bl-Istrument b'maturitajiet twal (b'tul massimu ta' żmien ta' 35 snin) u mingħajr ebda ripagament tal-kapital qabel l-2033. Dan se jsir flimkien mal-ispejjeż tal-imgħax imsemmija hawn fuq li għandhom jiġu koperti.

L-iżborżi jistgħu jiġu organizzati b'mod flessibbli u rapidu bi tweġiba għall-ħtiġijiet tal-awtoritajiet Ukreni matul is-sena 2023. Dawn jistgħu jiġu previsti b'mod ġenerali, fuq bażi trimestrali sabiex jiġi minimizzat il-piż amministrattiv fuq l-awtoritajiet Ukreni. Rieżami f'nofs is-sena ser jieħu kont tal-evoluzzjoni tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja u l-implikazzjonijiet tagħha fuq il-ħtiġijiet ta' finanzjament kif ukoll tar-rilevanza u l-fattibbiltà kontinwi tal-kundizzjonalità tal-politika.

Aktar dettalji dwar l-implikazzjonijiet baġitarji u r-riżorsi umani u amministrattivi meħtieġa huma pprovduti fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva meħmuża ma' din il-proposta.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Jenħtieġ li l-Unjoni Ewropea tagħmel dan l-istrument tal-AMF+ disponibbli għall-Ukrajna għal ammont totali ta' massimu ta' EUR 18-il biljun fil-forma ta' self aġevolanti ħafna b'mod prevedibbli, kontinwu, ordnat u f'waqtu, li jikkontribwixxi biex ikopri l-ħtiġijiet ta' finanzjament tagħha għal terminu qasir, il-finanzjament tar-riabilitazzjoni tal-infrastruttura kritika u l-appoġġ inizjali għar-rikostruzzjoni ta' wara l-gwerra, bil-ħsieb li l-Ukrajna tiġi appoġġata fi triqitha lejn l-integrazzjoni Ewropea. L-appoġġ se jikkontribwixxi biex ikopri d-diskrepanza fil-finanzjament estern residwu tal-Ukrajna fl-2023 u huwa ppjanat li jiġi żborżat f'diversi pagamenti parzjali. L-iżborżi jkunu jiddependu wkoll fuq l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar u r-riformi ta' politika kif maqbula fil-MtQ u msemmija f'dan ir-Regolament, inkluż ir-rapport li għandu jiġi pprovdut mill-Ukrajna qabel l-iżborż ta' kull pagament parzjali. Il-Kummissjoni se taħdem mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali biex timmonitorja l-iżviluppi rilevanti u l-applikazzjoni tar-rekwiżiti u tal-kundizzjonijiet kif miftiehem fil-MtQ. L-appoġġ ikun ġestit mill-Kummissjoni. Japplikaw dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-prevenzjoni tal-frodi u ta' irregolaritajiet oħrajn, b'mod konsistenti mar-Regolament Finanzjarju.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni se tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni lill-Ukrajna b'dan l-istrument, inkluża evalwazzjoni. Sa mhux aktar tard minn sentejn wara tmiem il-perjodu ta' disponibbiltà, il-Kummissjoni tibgħat rapport ta' evalwazzjoni *ex post* lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jivvaluta r-risultati u l-effiċjenza tal-appoġġ komplut mill-Unjoni skont l-Istrument kif ukoll sa liema punt dan ikkontribwixxa għall-għanijiet tal-assistenza.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-Kapitolu I tar-Regolament fih id-dispożizzjonijiet ġenerali.

L-Artikolu 1 jindika x'inhu s-suġġett tar-Regolament, jiġifieri l-istabbiliment ta' Strument li jipprovdi l-appoġġ tal-Unjoni lill-Ukrajna.

L-Artikolu 2 jiddefinixxi l-oġġettiv ġenerali tal-Istrument u jelenka l-oġġettivi speċifiċi ewlenin tiegħu.

L-Artikolu 3 jiddeskrivi l-oqsma li taħthom jista' jingħata appoġġ sabiex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Istrument.

L-Artikolu 4 jagħti l-ammonti ta' appoġġ f'termini ta' self. Jipprevedi wkoll ammonti addizzjonali biex jiġi kopert sussidju tar-rata tal-imgħax u appoġġ possibbli li ma jitħallasx lura. Fl-aħħar nett, l-artikolu jistabbilixxi l-perjodu ta' disponibbiltà għall-appoġġ.

L-Artikolu 5 jiddeskrivi kif l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi u terzi persuni interessati jistgħu jikkontribwixxu għall-Istrument.

It-Taqsim 2 telabora dwar il-kundizzjonijiet tal-appoġġ permezz tal-Istrument.

L-Artikolu 6 jistabbilixxi l-prekundizzjoni ġenerali għall-għoti tal-appoġġ permezz tal-Istrument.

L-Artikolu 7 jistipula li l-Kummissjoni se tikkonkludi mal-Ukrajna Memorandum ta' Qbil u ttipprovdi informazzjoni dwar il-kontenut, iż-żmien, u r-rieżami tiegħu.

L-Artikolu 8 jirreferi għar-rekwiżiti ta' rapportar skont il-Memorandum ta' Qbil.

It-Taqsima 3 tagħti dispożizzjonijiet dwar kif jiġi rilaxxat l-appoġġ permezz tal-Istrument, dwar il-valutazzjoni u l-obbligi ta' informazzjoni.

L-Artikolu 9 jipprevedi kif jiġi rilaxxat l-appoġġ permezz tal-Istrument.

L-Artikolu 10 jistabbilixxi l-passi proċedurali għar-rilaxx tal-appoġġ.

L-Artikolu 11 jagħti regoli dwar it-tnaqqis, is-sospensjoni u l-kanċellazzjoni tal-appoġġ.

L-Artikolu 12 jipprevedi li l-Kummissjoni għandha tivvaluta l-implimentazzjoni tal-appoġġ permezz tal-Istrument.

L-Artikolu 13 jiddefinixxi kif il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jiġu infurmati dwar l-iżviluppi rigward l-Istrument.

Il-Kapitolu II tar-Regolament jagħti dispożizzjonijiet speċifiċi relatati mal-implimentazzjoni tal-Istrument: L-Artikolu 14 fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' għoti u ta' teħid b'self u tad-derogi mir-Regolament (UE) 2021/947 fir-rigward tar-rekwiżiti ta' kopertura u proviżjonament tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna, l-Artikolu 15 – dwar is-sussidju tal-imgħax u l-Artikolu 16 – dwar il-ftehim ta' finanzjament għall-appoġġ mhux ripagabbli.

Il-Kapitolu III tar-Regolament jiddeskrivi d-dispożizzjonijiet komuni u finali rigward il-komitoloġija (l-Artikolu 17), ir-rappurtar annwali (l-Artikolu 18), u d-dħul fis-seħħ (l-Artikolu 19).

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi Strument għall-għoti ta' appoġġ lill-Ukrajna għall-2023 (assistenza makrofinanzjarja +)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 212 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja⁶,

Billi:

- (1) Ftehim ta' assoċjazzjoni bejn l-Unjoni u l-Ukrajna⁷, inkluż Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva, daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2017.
- (2) Fl-2014, l-Ukrajna bdiet programm ambizzjuż ta' riforma bil-għan li tistabbilizza l-ekonomija tagħha u ttejjeb l-għajxien taċ-ċittadini tagħha. Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni kif ukoll riformi kostituzzjonali, elettorali u ġudizzjarji, huma fost l-oġġetti prijoritattivi fuq l-aġenda. L-implimentazzjoni ta' daww il-riformi ġiet appoġġata minn programmi konsekuttivi ta' assistenza makrofinanzjarja, li taħthom l-Ukrajna rċeviet assistenza fil-forma ta' self għal total ta' EUR 6,6 biljun.
- (3) L-assistenza makrofinanzjarja ta' emerġenza, li saret disponibbli fil-kuntest ta' theddida dejjem tikber, eżatt qabel l-invażjoni Russa, skont id-Deċiżjoni (UE) 2022/313 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸, ipprovdiet EUR 1,2 biljun f'self lill-Ukrajna, żborżat f'żewġ pagamenti parzjali ta' EUR 600 miljun kull wieħed, f'Marzu u Mejju 2022.
- (4) L-assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali tal-Unjoni sa EUR 1 biljun, magħmula disponibbli skont id-Deċiżjoni (UE) 2022/1201 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹, ipprovdiet appoġġ rapidu u urġenti għall-baġit tal-Ukrajna u ġiet żborżata totalment b'żewġ pagamenti parzjali fl-1 u t-2 ta' Awwissu 2022. Din l-assistenza kkonstitwit l-ewwel stadju tal-assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali pplanata tal-Unjoni lill-Ukrajna sa EUR 9 biljun, imħabbar mill-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tagħha tat-

⁶ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' ... 2022 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill ta' ... 2022.

⁷ Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra (ĠU L 161, 29.5.2014, p. 3).

⁸ Id-Deċiżjoni (UE) 2022/313 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-24 ta' Frar 2022 li ttiprovdi assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali lill-Ukrajna (ĠU L 55, 28.2.2022, p. 4).

⁹ Id-Deċiżjoni (UE) 2022/1201 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022 li ttiprovdi assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali lill-Ukrajna (ĠU L 186, 13.7.2022, p. 1).

18 ta' Mejju 2022 intitolata "L-Ukrajna: Għajnuna u Rikostuzzjoni" u approvata mill-Kunsill Ewropew tat-23-24 ta' Ġunju 2022.

- (5) Id-Deċiżjoni (UE) 2022/1628¹⁰ kkostitwixxiet pass ieħor fl-implimentazzjoni tal-assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali prevista tal-Unjoni. Hija stabbiliet il-bażi għall-għoti lill-Ukrajna ta' ammont ulterjuri sa EUR 5 biljun fil-forma ta' self b'termini aġevolati ħafna, li minnhom EUR 2 biljun ġew żborżati fit-18 ta' Ottubru, filwaqt li t-EUR 3 biljun li jifdal għandhom jiġu żborżati sa tmiem l-2022.
- (6) L-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna, mill-24 ta' Frar 2022, ikkawżat lill-Ukrajna telf ta' aċċess għas-swieq finanzjarji kif ukoll tnaqqis sinifikanti fid-dħul pubbliku, filwaqt li l-infiq pubbliku biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni umanitarja u biex tinżamm il-kontinwità tas-servizzi tal-Istat żdied b'mod notevoli. F'dik is-sitwazzjoni volatili u inċerta ħafna, l-aħjar stimi tal-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-Ukrajna mill-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI), fis-sajf tal-2022, indikaw diskrepanza straordinarja fil-finanzjament ta' madwar USD 39 biljun fl-2022 li madwar nofshom jistgħu jiġu ssodisfati bis-saħħa ta' appoġġ internazzjonali. L-għoti rapidu mill-Unjoni tal-assistenza makrofinanzjarja lill-Ukrajna, skont id-Deċiżjoni (UE) 2022/1628 kien jitqies, fiċ-ċirkostanzi straordinarji attwali, bħala rispons xieraq għal terminu qasir għar-riskji mdaqqsqa għall-istabbiltà makrofinanzjarja tal-Ukrajna. L-ammont ulterjuri sa massimu ta' EUR 5 biljun f'assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali tal-Unjoni skont id-Deċiżjoni (UE) 2022/1628 kien biex jingħata appoġġ lill-istabbilizzazzjoni makrofinanzjarja tal-Ukrajna, isaħħaħ ir-reżiljenza immedjata tal-pajjiż u jsostni l-kapaċità tiegħu lejn l-irkupru, u b'hekk jikkontribwixxi għas-sostenibbiltà tad-dejn pubbliku tal-Ukrajna u l-kapaċità tagħha li fl-aħħar mill-aħħar tkun f'pożizzjoni li tħallas lura l-obbligi finanzjarji tagħha.
- (7) Sa mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja, l-Unjoni, l-Istati Membri tagħha u l-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej immobilizzaw EUR 19,7-il biljun għar-reżiljenza ekonomika, soċjali u finanzjarja tal-Ukrajna. Dan jgħaqqad l-appoġġ mill-baġit tal-Unjoni (EUR 12,4-il biljun), inklużi l-assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali u l-appoġġ mill-Bank Ewropew tal-Investment u l-Bank Ewropew għar-Rikostuzzjoni u l-Iżvilupp, iggarantiti bis-sħiħ jew parzjalment mill-baġit tal-UE, kif ukoll appoġġ finanzjarju ulterjuri mill-Istati Membri (EUR 7,3 biljun).
- (8) Barra minn hekk, il-Kunsill iddeċieda dwar miżuri ta' assistenza b'appoġġ lill-forzi armati Ukreni bil-Faċilità Ewropea għall-Paċi, li jammontaw għal EUR 3,1 biljun, u missjoni ta' assistenza militari b'appoġġ għall-Ukrajna b'EUR 0,1 biljun għall-ispejjeż komuni. L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha taw ukoll rispons ta' emerġenza in natura bla preċedent permezz tal-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili, li jkkostitwixxi l-akbar operazzjoni ta' emerġenza mill-ħolqien tal-Mekkaniżmu, u alloka miljuni ta' oġġetti ta' emerġenza lejn l-Ukrajna u r-reġjun.
- (9) Il-Kunsill Ewropew ta *status* ta' kandidat lill-Ukrajna f'Ġunju 2022¹¹. It-tkomplija tal-appoġġ qawwi lill-Ukrajna hija prijorità ewlenija għall-Unjoni. Dan jirrikjedi approċċ

¹⁰ Id-Deċiżjoni (UE) 2022/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Settembru 2022 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali lill-Ukrajna, li ssaħħaħ il-fond ta' proviżjonament komuni permezz ta' garanziji mill-Istati Membri u permezz ta' proviżjonament speċifiku għal xi obbligazzjonijiet finanzjarji relatati mal-Ukrajna ggarantiti skont id-Deċiżjoni 466/2014/UE, u li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2022/1201 (ĠU L 245, 22.9.2022, p. 1).;

¹¹ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, it-23 u l-24 ta' Ġunju 2022.

kollettiv organizzat kif imfisser f'dan l-istrument, billi l-ħsara mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja fuq l-ekonomija, iċ-ċittadini u n-negozji tal-Ukrajna hija tremenda.

- (10) Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna tirrappreżenta theddida ġeopolitika strateġika għall-Unjoni kollha kemm hi u tirrikjedi li l-Istati Membri jibqgħu b'saħħithom u magħqudin. Għalhekk, huwa essenzjali li l-appoġġ tal-Unjoni jintuża malajr u jkun kapaċi jadatta b'mod flessibbli u gradwali għal għajjnuna immedjata u riabilitazzjoni f'perjodu qasir fit-triq lejn rikostruzzjoni futura.
- (11) F'dan il-kuntest, l-Istrument stabbilit skont dan ir-Regolament għandu l-għan li jikkontribwixxi biex jingħalaq id-distakk fil-finanzjament tal-Ukrajna fl-2023, b'mod partikolari billi jipprovdi għajjnuna finanzjarja aġevolata ħafna f'perjodu qasir lill-baġit tal-istat b'mod prevedibbli, kontinwu, ordnat u f'waqtu, inkluż biex jiffinanzja r-riabilitazzjoni u l-appoġġ inizjali lejn ir-rikostruzzjoni ta' wara l-gwerra, fejn xieraq, bil-ħsieb li jappoġġa lill-Ukrajna fi triqitha lejn l-integrazzjoni Ewropea.
- (12) Sabiex jintlaħaq l-oġettiv ġenerali, l-assistenza jenħtieġ li tingħata biex tappoġġa l-istabbiltà makrofinanzjarja fl-Ukrajna, u biex ittaffi r-restrizzjonijiet tal-finanzjament estern tal-Ukrajna. Jenħtieġ li l-Kummissjoni timplimenta l-appoġġ f'konformità mal-prinċipji u l-oġettivi ewlenin tal-miżuri meħuda fl-oqsma differenti tal-azzjoni esterna u politiki oħrajn rilevanti tal-Unjoni.
- (13) L-għoti ta' appoġġ għar-riabilitazzjoni, it-tiswija, u l-manutenzjoni ta' funzjonijiet u infrastruttura kritiċi kif ukoll għajjnuna għall-persuni fil-bżonn u għaż-żoni l-aktar affettwati f'termini ta' appoġġ materjali u soċjali, akkomodazzjoni temporanja, kostruzzjoni residenzjali u infrastrutturali jenħtieġ li jgħoddu wkoll fost l-oqsma ewlenin ta' appoġġ permezz tal-Istrument.
- (14) Jenħtieġ li l-Istrument jappoġġa wkoll it-tisħiħ tal-kapaċità tal-awtoritajiet Ukreni biex iħejju għar-rikostruzzjoni futura ta' wara l-gwerra u għall-fażi preparatorja bikrija tal-proċess ta' qabel l-adeżjoni, kif xieraq, inkluż it-tisħiħ tal-istituzzjonijiet tal-Ukrajna, ir-riforma u t-tisħiħ tal-effettività tal-amministrazzjoni pubblika kif ukoll it-trasparenza, ir-riformi strutturali u l-governanza tajba fil-livelli kollha.
- (15) L-Istrument se jappoġġa l-politika esterna tal-Unjoni fir-rigward tal-Ukrajna. Il-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna għandhom jaħdmu flimkien mill-qrib matul l-operazzjoni ta' appoġġ sabiex jikkoordinaw u jiżguraw il-konsistenza tal-politika esterna tal-Unjoni. L-appoġġ lill-Ukrajna skont dan ir-Regolament ikompli jikkontribwixxi b'mod sinifikanti biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-Ukrajna kif stmati mill-FMI, mill-Bank Dinji u minn istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħra, filwaqt li titqies il-kapaċità tal-Ukrajna li tiffinanzja lilha nnifisha bir-riżorsi proprji tagħha. Id-determinazzjoni tal-ammont tal-appoġġ tqis ukoll il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mistennija minn donaturi bilaterali u multilaterali, kif ukoll l-iskjerament preeżistenti tal-istrumenti ta' finanzjament esterni l-oħra tal-Unjoni fl-Ukrajna u l-valur miżjud tal-involvement ġenerali tal-Unjoni.
- (16) Is-sitwazzjoni tal-Ukrajna tirrikjedi approċċ gradwali fejn strument li jiffoka fuq l-istabbiltà makrofinanzjarja kif ukoll l-għajjnuna u r-riabilitazzjoni immedjata jenħtieġ li jkun akkumpanjat minn appoġġ kontinwu taħt l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali - Ewropa Globali u l-Istrument għall-Għajjnuna Umanitarja.
- (17) Jenħtieġ li r-Regolament jistabbilixxi r-riżorsi disponibbli għall-Istrument għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023 bi żborżi possibbli sal-31 ta'

Marzu 2024. Ammont massimu ta' EUR 18-il biljun għandu jkun disponibbli fil-forma ta' self. Barra minn hekk, għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2027, ir-Regolament għandu jipprovdi għal sussidju tar-rata tal-imgħax. Sabiex tiġi żgurata l-kopertura tal-ispejjeż tal-imgħax matul il-ħajja tas-self, il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri lil hinn mill-2027 jenħtieġ li jiġġeddu u jkomplu bħala dħul assenjat estern sakemm ma jkunux koperti b'mezzi oħra f'oqfsa finanzjarji pluriennali futuri. Għalhekk, jista' jkun possibbli li l-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri jiġu estiżi lil hinn mill-2027.

- (18) Ir-Regolament għandu jipprovdi l-possibbiltà li l-Istati Membri jagħmlu disponibbli rizersi addizzjonali, bħala dħul assenjat estern, li għandhom jiġu implimentati skont il-Memorandum ta' Qbil ta' dan l-Istrument. Tali possibbiltà għal kontribuzzjoni addizzjonali jenħtieġ li ssir ukoll għal pajjiżi terzi u terzi persuni interessati bħala dħul assenjat estern, f'konformità mal-Artikolu 21(2), il-punti (d) u (e) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹². Sabiex jitrawmu sinerġiji u komplementarjetajiet, huwa xieraq li jiġi permess li tali kontribuzzjonijiet addizzjonali mill-Istati Membri, minn pajjiżi terzi u terzi persuni oħra jkun jistgħu jsiru disponibbli wkoll għall-programmi stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹³ u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96¹⁴ għall-finanzjament ta' miżuri li jikkontribwixxu għall-oġettivi ta' dan l-Istrument.
- (19) Il-kontribuzzjonijiet volontarji mill-Istati Membri għandhom ikunu irrevokabbli, mingħajr kundizzjonijiet u b'talba. Għal dan il-għan, l-Istat Membru li jipprovdi l-appoġġ jenħtieġ li jidħol fi ftehim ta' kontribuzzjoni fis-sens tal-Artikolu 22(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 mal-Kummissjoni. Il-ftehim ta' kontribuzzjoni għandu jkopri l-kontribuzzjoni għas-sussidju tar-rata tal-imgħax u, jekk l-Istat Membru jkun jixtieq jipprovdihom, ammonti addizzjonali wkoll.
- (20) L-appoġġ permezz tal-Istrument jenħtieġ li jkun disponibbli bil-prekundizzjoni li l-Ukrajna tkompli tirrispetta l-mekkaniżmi demokratiċi effettivi u l-istituzzjonijiet tagħha, inkluża sistema parlamentari b'diversi partiti, l-istat tad-dritt u tiggarantixxi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem.
- (21) L-appoġġ permezz tal-Istrument jenħtieġ li jkun marbut mal-kundizzjonijiet ta' politika li għandhom jiġu stabbiliti f'memorandum ta' qbil. Jenħtieġ li jinkludu wkoll impenji biex jissaħħu l-prestazzjoni ekonomika u r-reżiljenza tal-pajjiż, l-ambjent tan-negozju, tiġi ffaċilitata r-rikostruzzjoni kritika u jiġu indirizzati l-isfidi fis-settur tal-enerġija.

¹² Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

¹³ Ir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali - Ewropa Globali, li jemenda u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 466/2014/Unjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L 209, 14.6.2021, p. 1.

¹⁴ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 ta' Ġunju 1996 rigward l-għajnuna umanitarja (ĠU L 163, 2.7.1996, p. 1).

- (22) Il-kundizzjonijiet ta' politika għandhom jiġu kkomplementati minn rekwiżiti stretti ta' rappurtar, bil-għan li jiġi żgurat li l-fondi jintużaw b'mod effiċjenti, trasparenti u responsabbli.
- (23) Fid-dawl tas-sitwazzjoni attwali fl-Ukrajna huwa xieraq li tiġi prevista reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-memorandum ta' qbil.
- (24) L-appoġġ għandu jiġi rilaxxat soġġett għar-rispett tal-prekundizzjonijiet, l-implimentazzjoni sodisfaċenti u l-progress lejn l-implimentazzjoni tal-kundizzjonijiet tal-politika.
- (25) Huwa xieraq li tiġi prevista l-possibbiltà li jiġu vvalutati mill-ġdid il-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-Ukrajna u li l-appoġġ jitnaqqas, jiġi sospiż jew ikkanċellat jekk dawn jonqsu b'mod fundamentali matul il-perjodu tal-iżborż tal-appoġġ tal-Unjoni permezz tal-Istrument meta mqabbel mal-proġettazzjonijiet inizjali. Huwa xieraq ukoll li tiġi prevista l-possibbiltà li l-iżborżi jiġu sospiżi jew ikkanċellati f'każ li r-rekwiżiti għar-rilaxx tal-appoġġ permezz tal-Istrument ma jiġux issodisfati.
- (26) Fil-kuntest attwali tal-ħtiġijiet finanzjarji urġenti tal-pajjiż, huwa xieraq li l-assistenza finanzjarja lill-Ukrajna tiġi organizzata skont il-metodu ta' finanzjament uniku previst skont l-Artikolu 220a tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, li huwa mistenni li jtejjeb il-likwidità tal-bonds tal-Unjoni u l-attraenza u l-kosteffettività tal-ħruġ tal-Unjoni.
- (27) Minħabba s-sitwazzjoni diffiċli tal-Ukrajna kkawżata mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja u biex tiġi appoġġata fit-triq tal-istabbiltà fit-tul tagħha, huwa xieraq li l-Ukrajna tingħata self b'termini konċessjonali ħafna b'tul massimu ta' żmien ta' 35 sena u l-bidu tar-ripagament tal-kapital mhux qabel l-2033. Huwa xieraq ukoll li ssir deroga mill-Artikolu 220(5), il-punt (e) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 u li l-Unjoni jkollha l-possibbiltà li tkopri l-ispejjeż tar-rata tal-imgħax u tirrinunzja l-ispejjeż amministrattivi lill-Ukrajna. Is-sussidju tar-rata tal-imgħax jenħtieġ li jingħata bħala strument meqjus xieraq biex tiġi żgurata l-effettività tal-appoġġ sfis-sens tal-Artikolu 220(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046. Dan għandu jkun iffinanzjat minn kontribuzzjonijiet volontarji addizzjonali mill-Istati Membri u għandu jkun disponibbli gradwalment hekk kif il-ftehimiet mal-Istati Membri jkunu daħlu fis-seħħ.
- (28) L-Ukrajna tista' titlob is-sussidju tar-rata tal-imgħax u r-rinunzja tal-ispejjeż amministrattivi sal-aħħar ta' Marzu ta' kull sena.
- (29) Jenħtieġ li l-obbligazzjoni finanzjarja minn self skont dan ir-Regolament ma tkunx appoġġata mill-Garanzija għall-Azzjoni Esterna, b'deroga mit-tieni sentenza tal-Artikolu 31(3) tar-Regolament (UE) 2021/947. L-ammonti meħtieġa biex jiġi kopert kull nuqqas fl-assistenza finanzjarja lill-Ukrajna disponibbli għall-2023 jenħtieġ li jiġu mobilizzati f'konformità mal-Artikolu 2(3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093¹⁵. Jenħtieġ li l-appoġġ jikkostitwixxi f'assistenza finanzjarja fis-sens tal-Artikolu 220(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046. Meta jitqiesu r-riskji finanzjarji u l-kopertura baġitarja, il-proviżjonament jenħtieġ li ma jkunx kostitwit għall-assistenza finanzjarja fil-forma ta' self permezz ta' dan l-Istrument u, b'deroga mill-Artikolu 211(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, jenħtieġ li ma tiġi

¹⁵ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021 sa 2027 (ĠU L 433, I, 22.12.2020, p. 11).

stabbilita l-ebda rata ta' proviżjonament bħala perċentwal tal-ammont imsemmi fl-Artikolu 4(1).

- (30) Huwa xieraq li l-Kummissjoni u l-Ukrajna jikkonkludu ftehim ta' self għall-appoġġ tas-self, fil-qafas tal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-MtQ. Sabiex jiġi żgurat li l-interessi finanzjarji tal-Unjoni marbuta mal-appoġġ permezz tal-Istrument jiġu protetti b'mod effiċjenti, jenħtieġ li l-Ukrajna tiegħu miżuri xierqa dwar il-prevenzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe irregolarità oħra marbuta ma' dik l-assistenza u l-għieda kontribom. Barra minn hekk, jenħtieġ li fil-ftehim tas-self u fil-ftehim ta' finanzjament jiġi previst li l-Kummissjoni twettaq kontrolli, li l-Qorti tal-Awdituri twettaq awditi u li l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew jeżerċita l-kompetenzi tiegħu, f'konformità mal-Artikoli 129 u 220 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.
- (31) Billi l-għan ta' dan ir-Regolament ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda minħabba l-iskala u l-effetti tiegħu, jista' jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq dak il-għan.
- (32) Sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Jenħtieġ li daww is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁶.
- (33) Fid-dawl tal-urġenza li tirriżulta miċ-ċirkostanzi eċċezzjonali kkawżati mill-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja, huwa meqjus xieraq li tiġi invokata l-eċċezzjoni għall-perjodu ta' tmien ġimgħat previst fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,
- (34) Fid-dawl tas-sitwazzjoni attwali fl-Ukrajna, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Kapitolu I

Appoġġ tal-Unjoni għall-Ukrajna

TAQSIMA 1

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

¹⁶ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi Strument li jipprovdi l-appoġġ tal-Unjoni għall-Ukrajna (l-“Istrument”) fil-forma ta’ self, appoġġ mhux ripagabbli u sussidju tar-rata tal-imgħax.

Jistabbilixxi l-oġġettivi tal-Istrument, il-finanzjament tiegħu, il-forom ta’ finanzjament tal-Unjoni taħtu u r-regoli għall-għoti ta’ tali finanzjament.

Artikolu 2

Oġġettivi tal-Istrument

1. L-oġġettiv ġenerali tal-Istrument għandu jkun li jipprovdi għajjnuna finanzjarja għal terminu qasir b’mod prevedibbli, kontinwu, ordnat u f’waqtu, finanzjament tar-riabilitazzjoni u appoġġ inizjali għar-rikostruzzjoni ta’ wara l-gwerra, fejn xieraq, bil-ħsieb li l-Ukrajna tiġi appoġġata fi triqitha lejn l-integrazzjoni Ewropea.
2. Biex jintlaħaq l-oġġettiv ġenerali, l-oġġettivi speċifiċi ewlenin għandhom b’mod partikolari jkun li jappoġġaw:
 - (a) l-istabbiltà makrofinanzjarja, u biex jittaffew ir-restrizzjonijiet finanzjarji esterni u interni tal-Pajjiż;
 - (a) (b) aġenda ta’ riforma orjentata lejn il-fażi preparatorja bikrija tal-proċess ta’ qabel l-adeżjoni, kif xieraq, inkluż it-tisħiħ tal-istituzzjonijiet tal-Ukrajna, ir-riforma u t-tisħiħ tal-effettività tal-amministrazzjoni pubblika kif ukoll it-trasparenza, ir-riformi strutturali u l-governanza tajba fil-livelli kollha;
 - (b) (c) riabilitazzjoni ta’ funzjonijiet kritiċi u infrastruttura u għajjnuna għan-nies fil-bżonn

Artikolu 3

L-Oqsma ta’ Appoġġ

Biex jilħaq l-oġġettivi tiegħu, l-Istrument għandu jappoġġa b’mod partikolari dawn li ġejjin:

- (a) il-finanzjament tal-ħtiġijiet ta’ finanzjament tal-Ukrajna, bil-ħsieb li tinżamm l-istabbiltà makrofinanzjarja tal-pajjiż;
- (b) ir-riabilitazzjoni, pereżempju fir-restawr tal-infrastruttura kritika, bħall-infrastruttura tal-enerġija, is-sistemi tal-ilma, in-netwerks tat-trasport, it-toroq jew il-pontijiet interni, jew f’setturi ekonomiċi strateġiċi u l-infrastruttura soċjali, bħal faċilitajiet tal-kura tas-saħħa, skejjel, u akkomodazzjoni għal persuni rilokati, inkluża akkomodazzjoni temporanja u soċjali;
- (c) riformi settorjali u istituzzjonali, inklużi riformi kontra l-korruzzjoni u ġudizzjarji, ir-rispett tal-istat tad-dritt, il-governanza tajba, u l-modernizzazzjoni tal-istituzzjonijiet nazzjonali u lokali;
- (d) tħejjija għar-rikostruzzjoni tal-Ukrajna;
- (e) appoġġ għall-allinjament tal-qafas regolatorju tal-Ukrajna ma’ dak tal-Unjoni u l-integrazzjoni tal-pajjiż fis-suq uniku, kif ukoll it-tisħiħ tal-iżvilupp ekonomiku u t-titjib tal-kompetittività;
- (f) it-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva tal-Ukrajna permezz ta’ mezzi xierqa, inkluż l-użu ta’ assistenza teknika.

Artikolu 4

Appoġġ disponibbli permezz tal-Istrument

1. L-appoġġ permezz tal-Istrument fil-forma ta' self, għandu jkun disponibbli għal ammont sa EUR 18 000 000 000 għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023 bi żborż possibbli sal-31 ta' Marzu 2024.
2. Appoġġ addizzjonali permezz tal-Istrument għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2027 għandu jkun disponibbli wkoll, soġġett għall-Artikolu 5(1), biex ikopri n-nefqa skont l-Artikolu 15. Dan l-appoġġ addizzjonali jista' jkun disponibbli wara l-31 ta' Diċembru 2027 soġġett għall-Artikolu 5(1).
3. Ammonti addizzjonali disponibbli skont l-Artikolu 5(2) u 5(4) ta' dan ir-Regolament jistgħu jiġu implimentati bħala appoġġ mhux ripagabbli fejn previst fil-Memorandum ta' Qbil li għandu jiġi konkluż skont l-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament jew skont ir-Regolament (UE) 2021/947 u r-Regolament (KE) Nru 1257/96 għall-finanzjament ta' miżuri li jilhqnu l-oġettivi msemija fl-Artikolu 2(2) minn (b) sa (c) skont ir-regoli ta' dawk ir-Regolamenti.
4. L-ammonti msemija fil-paragrafu 3 jistgħu jkopru n-nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Istrument u għall-kisba tal-oġettivi tiegħu, inkluż l-appoġġ amministrattiv assoċjat mal-attivitajiet ta' thejjiya, segwitu, monitoraġġ, kontroll, awditjar u evalwazzjoni meħtieġa għal tali implimentazzjoni, kif ukoll in-nefqa fil-kwartieri ġenerali u fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni għall-appoġġ amministrattiv u ta' koordinazzjoni meħtieġ għall-Istrument, u għall-ġestjoni tal-operazzjonijiet iffinanzjati bl-Istrument, inkluż azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, u sistemi korporattivi tat-teknoloġija tal-informazzjoni.

Artikolu 5

Kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri u terzi persuni

1. L-Istati Membri jistgħu jikkontribwixxu għall-ammonti msemija fl-Artikolu 4(2). Is-sehem relativ tal-kontribuzzjoni tal-Istat Membru kkonċernat għal dawk l-ammonti għandu jikkorrispondi għas-sehem relativ ta' dak l-Istat Membru fl-introjt nazzjonali gross (ING) totali tal-Unjoni. Għall-kontribuzzjonijiet għas-sena n, is-sehem relativ ibbażat fuq l-ING għandu jiġi kkalkulat bħala s-sehem fl-ING totali tal-Unjoni, kif jirriżulta mill-kolonna rispettiva fil-parti tad-dħul tal-aħħar baġit annwali tal-Unjoni adottat jew fil-baġit emendatorju annwali tal-Unjoni għas-sena n-1.

L-appoġġ permezz tal-Istrument f'dan il-paragrafu għandu jsir disponibbli fir-rigward ta' kwalunkwe ammont stabbilit fi ftehim mal-Istat Membru rispettiv wara li dak il-ftehim jidħol fis-seħħ.
2. L-Istati Membri jistgħu jikkontribwixxu għall-Istrument b'ammonti addizzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 4(3).
3. Il-kontribuzzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat estern f'konformità mal-Artikolu 21(2), il-punt (a)(ii) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.
4. Pajjiżi terzi u terzi persuni interessati jistgħu jikkontribwixxu wkoll għal appoġġ mhux ripagabbli taħt l-Istrument b'ammonti addizzjonali msemija fl-Artikolu 4(3),

b'mod partikolari relatati mal-oġġettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 2(2) minn (b) sa (c). Dawn il-kontribuzzjonijiet għandhom jikkostitwixxu fi dħul assenjat estern f'konformità mal-Artikolu 21(2), il-punt (d) u (e) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.

TAQSIMA 2

KUNDIZZJONIJIET TAL-APPOĠĠ PERMEZZ TAL-ISTRUMENT

Artikolu 6

Prekundizzjoni għall-appoġġ permezz tal-Istrument

1. Prekundizzjoni għall-għoti tal-appoġġ b'dan l-Istrument għandha tkun li l-Ukrajna tkompli żżomm u tirrispetta l-mekkaniżmi demokratiċi effettivi, inklużi sistema parlamentari b'diversi partiti, l-istat tad-dritt, u tiggarantixxi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem.
2. Il-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna għandhom jimmonitorjaw it-tweqqif tal-prekundizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 matul il-perjodu kollu tal-appoġġ ipprovdut bl-Istrument, b'mod partikolari qabel ma jsiru l-iżborżi, b'kont debitu meħud, kif xieraq, tar-rapport regolari dwar it-tkabbir. Għandha tqis ukoll iċ-ċirkostanzi fl-Ukrajna u l-konsegwenzi tal-applikazzjoni tal-liġi marzjali hemmhekk.
3. Il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE¹⁷.

Artikolu 7

Memorandum ta' Ftehim

1. Il-Kummissjoni għandha tikkonkludi mal-Ukrajna Memorandum ta' Qbil li għandu b'mod partikolari jistabbilixxi l-kundizzjonijiet ta' politika, l-ippjanar finanzjarju indikattiv u r-rekwiżiti ta' rappurtar, kif imsemmi fl-Artikolu 8.

Il-kundizzjonijiet ta' politika għandhom ikunu marbuta, kif xieraq, fil-kuntest tas-sitwazzjoni ġenerali fl-Ukrajna, mal-oġġettivi u l-implimentazzjoni tagħhom imsemmija rispettivament fl-Artikolu 2 u l-Artikolu 3 u mal-prekundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 6. Dawn għandhom jinkludu impenn għall-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba b'enfasi fuq il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, il-ġlieda kontra l-frodi u l-evitar ta' kunflitti ta' interess u l-istabbiliment ta' qafas trasparenti u responsabbli għall-ġestjoni tar-riabilitazzjoni u, fejn xieraq, tar-rikostruzzjoni.
2. Il-MtQ jista' jiġi rivedut mill-Kummissjoni f'nofs it-terminu. Il-Kummissjoni tista' temenda l-MtQ wara r-rieżami.

¹⁷ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE tas-26 ta' Lulju 2010 li tistabbilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (ĠU L 201, 3.8.2010, p. 30).

3. Il-MtQ għandu jiġi adottat u emendat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 17(2).

Artikolu 8

Rekwiżiti ta' rapportar

1. Ir-rekwiżiti ta' rapportar għall-Ukrajna għandhom jiġu inklużi fil-MtQ u għandhom jiżguraw, b'mod partikolari, l-effiċjenza, it-trasparenza u r-responsabbiltà tal-użu tal-appoġġ ipprovdut bl-Istrument.
2. Il-Kummissjoni għandha tivverifika, f'intervalli regolari, l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar u l-progress li jkun sar lejn l-issodisfar tal-kundizzjonijiet ta' politika stabbiliti fil-MtQ. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bir-riżultati ta' dik il-verifika.

TAQSIMA 3

RILAXX TAL-APPOĠĠ PERMEZZ TAL-ISTRUMENT, OBBLIGI TA' VALUTAZZJONI U INFORMAZZJONI

Artikolu 9

Rilaxx tal-appoġġ permezz tal-Istrument

1. Soġġett għar-rekwiżiti msemija fl-Artikolu 10, l-appoġġ permezz tal-Istrument għandu jsir disponibbli mill-Kummissjoni f'pagamenti parzjali. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar il-perjodu ta' żmien għall-iżborż ta' kull pagament parzjali. Pagament parzjali jista' jiġi żborżat f'parti waħda jew iktar.
2. Ir-rilaxx tal-appoġġ permezz tal-Istrument għandu jiġi ġestit mill-Kummissjoni fuq il-bażi tal-valutazzjoni tagħha tal-implimentazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' politika inklużi fil-MtQ.

Artikolu 10

Deċiżjoni dwar ir-rilaxx tal-appoġġ permezz tal-Istrument

1. L-Ukrajna għandha tippreżenta talba għal fondi qabel l-iżborż ta' kull pagament parzjali akkumpanjata minn rapport f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-MtQ.
2. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar ir-rilaxx tal-pagamenti parzjali, skont il-valutazzjoni tagħha tar-rekwiżiti li ġejjin:
 - (a) ir-rispett għall-prekondizzjoni stabbilita fl-Artikolu 6;
 - (b) l-implimentazzjoni sodisfaċenti tal-obbligi ta' rapportar miftiehma fil-MtQ;
 - (c) progress sodisfaċenti lejn l-implimentazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' politika stabbiliti fil-MtQ.
 - (d) Qabel ma jiġi żborżat l-ammont massimu tal-appoġġ permezz tal-Istrument, il-Kummissjoni għandha tivverifika l-issodisfar tal-kundizzjonijiet ta' politika kollha stabbiliti fil-MtQ.

Artikolu 11

Tnaqqis, sospensjoni u kanċellazzjoni tal-appoġġ permezz tal-Istrument

1. Jekk il-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-Ukrajna jonqsu b'mod fundamentali matul il-perjodu tal-iżborż tal-appoġġ tal-Unjoni bl-Istrument meta mqabbel mal-proġettazzjonijiet inizjali, il-Kummissjoni tista' tnaqqas l-ammont tal-appoġġ, tissospendih jew tikkanċellah.
2. Meta r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 10(2) ma jgħux issodisfati, il-Kummissjoni għandha tissospendi jew tikkanċella l-iżborż tal-appoġġ permezz tal-Istrument.

Artikolu 12

Valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-appoġġ permezz ta l-Istrument

Matul l-implimentazzjoni tal-Istrument, il-Kummissjoni għandha tivvaluta, permezz ta' valutazzjoni operazzjonali, li tista' titwettaq flimkien mal-valutazzjoni operazzjonali prevista skont id-Deċiżjoni (UE) 2022/1201 u d-Deċiżjoni (UE) 2022/1628, is-solidità tal-arranġamenti finanzjarji tal-Ukrajna, il-proċeduri amministrattivi, u l-mekkaniżmi ta' kontroll interni u esterni li huma rilevanti għall-assistenza.

Artikolu 13

Informazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-iżviluppi fir-rigward tal-Istrument, inklużi l-iżborżi tiegħu, u l-iżviluppi fl-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 9, u għandha tipprovdi lil dawk l-istituzzjonijiet bid-dokumenti rilevanti fi żmien debitu. F'każ ta' sospensjoni jew kanċellazzjoni skont l-Artikolu 11(2), hija għandha tinforma mingħajr dewmien lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bir-raġunijiet għas-sospensjoni jew il-kanċellazzjoni.

Kapitolu II

Dispożizzjonijiet speċifiċi relatati mal-implimentazzjoni tal-appoġġ

Artikolu 14

Operazzjonijiet mutwatarji u mutwanti

1. Sabiex tiffinanzja l-appoġġ taħt l-Istrument fil-forma ta' self, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa, f'isem l-Unjoni, li tissellef il-fondi meħtieġa mis-swieq kapitali jew minn istituzzjonijiet finanzjarji f'konformità mal-Artikolu 220(a) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.
2. It-termini dettaljati tal-appoġġ permezz tal-Istrument fil-forma ta' self għandhom jiġu stabbiliti fi ftehim ta' self f'konformità mal-Artikolu 220 tar-Regolament (UE,

Euratom) 2018/1046, li għandu jiġi konkluż bejn il-Kummissjoni u l-Ukrajna. Is-self għandu jkollu tul massimu ta' 35 snin.

3. B'deroga mill-Artikolu 31(3), it-tieni sentenza tar-Regolament (UE) 2021/947, l-assistenza makrofinanzjarja pprovduta lill-Ukrajna fil-forma ta' self b'dan l-Istrument ma għandhiex tiġi appoġġata mill-Garanzija għall-Azzjoni Esterna.

L-ebda proviżjonament għas-self skont dan ir-Regolament ma għandu jkun kostitwit u, b'deroga mill-Artikolu 211(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, ma għandha tiġi stabbilita l-ebda rata ta' proviżjonament bħala perċentwal tal-ammont imsemmi fl-Artikolu 4(1).

Artikolu 15

Sussidju tar-rata tal-imgħax

1. B'deroga mill-Artikolu 220(5), il-punt (e), tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 u soġġett għar-riżorsi disponibbli, l-Unjoni tista' ġġarrab l-imgħax billi tagħti sussidju tar-rata tal-imgħax u tkopri l-ispejjeż amministrattivi relatati mas-self, bl-eċċezzjoni tal-ispejjeż relatati mal-ħlas lura bikri tas-self, fir-rigward tas-self skont dan ir-Regolament.
2. L-Ukrajna tista' titlob is-sussidju tar-rata tal-imgħax u l-kopertura tal-ispejjeż amministrattivi mill-Unjoni kull sena.

Artikolu 16

Ftehim ta' finanzjament għal appoġġ mhux ripagabbli

It-termini dettaljati tal-appoġġ li ma jitħallasx lura msemija fl-Artikolu 4(3) għandhom jiġu stabbiliti fi ftehim ta' finanzjament li għandu jiġi konkluż bejn il-Kummissjoni u l-Ukrajna. B'deroga mill-Artikolu 220(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, il-ftehim ta' finanzjament għandu jkun fih biss id-dispożizzjonijiet imsemmija fil-punti minn (a) sa (c) tal-Artikolu 220(5) tiegħu. Il-ftehim ta' finanzjament għandu jinkludi dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kontrolli, awditi, prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet oħra, u l-irkupru ta' fondi.

Kapitolu III

Dispożizzjonijiet komuni u finali

Artikolu 17

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi meġġuna minn kumitat. Dan il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 18

Rapport annwali

1. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Kapitolu I, inkluża evalwazzjoni ta' dik l-implimentazzjoni. Dan ir-rapport għandu:
 - (a) jeżamina l-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni permezz tal-Istrument;
 - (b) jivvaluta s-sitwazzjoni ekonomika u l-prospetti tal-Ukrajna, kif ukoll l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti u l-kundizzjonijiet imsemmija fit-Taqsima 2 tal-Kapitolu I;
 - (c) jindika r-rabta bejn ir-rekwiżiti u l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-MtQ, is-sitwazzjoni makrofinanzjarja attwali tal-Ukrajna u d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li tirrilaxxa l-pagamenti parzjali tal-appoġġ permezz tal-Istrument.
2. Mhux aktar tard minn sentejn wara t-tmiem tal-perjodu ta' disponibbiltà, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport ta' evalwazzjoni *ex post*, li jivvaluta r-riżultati u l-effiċjenza tal-appoġġ komplut tal-Unjoni bl-Istrument u sa liema punt dan ikkontribwixxa għall-għanijiet tal-assistenza.

Artikolu 19

Dispożizzjonijiet finali

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat/kkonċernati

1.3. Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma':

1.4. Objettiv/Objettivi

1.4.1. Objettiv/Objettivi ġenerali

1.4.2. Objettiv speċifiku/Objettivi speċifiċi

1.4.3. Riżultat/Riżultati u impatt mistennija

1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. Rekwiżit/Rekwiżiti li jrid/jridu jiġi/jiġu ssodisfat/ssodisfati f'terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-“valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni” huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur li kieku kien jinholq mill-Istati Membri waħedhom.

1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imġhoddi

1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra

1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni

1.6. It-tul ta' żmien u l-impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

1.7. Mod/Modi ta' ġestjoni ppjanat/ppjanati

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

2.2. Sistema/Sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod/modi ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/mekkaniżmi għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/sistemi ta' kontroll intern stabbilita/stabbiliti għall-mitigazzjoni tagħhom

2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-“ispejjeż tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti”) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/Intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja baġitarja/linji baġitarji tan-nefqa affettwata/affettwati

3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-appropriazzjonijiet

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali

3.2.2. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet amministrattivi

3.2.3. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

3.2.4. Kontribuzzjonijiet ta' terzi persuni

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1 Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi strument biex jingħata appoġġ lill-Ukrajna

1.2 Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) (Raggruppament ta' programmi)

6. Viċinat u d-Dinja

14. Azzjoni Esterna

Strument biex jingħata appoġġ lill-Ukrajna (assistenza makrofinanzjarja +)

1.3 Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma':

☒ **azzjoni ġdida**

☐ **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja¹⁸**

☐ **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ **fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida**

1.4 Objettiv/Objettivi

1.4.1 Objettiv/Objettivi ġenerali

L-għoti ta' għajjnuna finanzjarja fuq terminu qasir, il-finanzjament tar-riabilitazzjoni u l-appoġġ inizjali għar-rikostruzzjoni ta' wara l-gwerra, bil-ħsieb li l-Ukrajna tiġi appoġġata fi triqitha lejn l-integrazzjoni Ewropea.

1.4.2 Objettiv speċifiku/Objettivi speċifiċi

- (a) l-istabbiltà makrofinanzjarja, u t-tnaqqis tar-restrizzjonijiet finanzjarji esterni u interni tal-pajjiż;
- (b) aġenda ta' riforma orjentata lejn il-fażi preparatorja bikrija tal-proċess ta' qabel l-adeżjoni, kif xieraq, inkluż it-tisħiħ tal-istituzzjonijiet tal-Ukrajna, ir-riforma u t-tisħiħ tal-effettività tal-amministrazzjoni pubblika kif ukoll it-trasparenza, ir-riformi strutturali u l-governanza tajba fil-livelli kollha
- (c) ir-riabilitazzjoni tal-funzjonijiet u l-infrastruttura kritiċi u l-għajjnuna għall-persuni fil-bżonn;

1.4.3 Riżultat/Riżultati u impatt mistennija

Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

- Tappoġġa r-reżiljenza u l-istabbiltà ekonomiċi tal-Ukrajna fiċ-ċirkostanzi tal-gwerra.
- Tikkontribwixxi biex jiġu koperti l-ħtiġijiet ta' finanzjament estern tal-Ukrajna, fil-kuntest ta' deterjorament sinifikanti tal-kontijiet esterni tagħha kkawżat mill-invażjoni Russa mhux provokata u mhux ġustifikata tal-Ukrajna.

¹⁸

Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

- Ittaffi l-ħtiġijiet finanzjarji baġitarji tas-sieħeb, bħala kontinwazzjoni tal-assistenza ta' emerġenza diġà pprovduta.
- Tappoġġa r-riformi strutturali mmirati biex itejbu l-ġestjoni makroekonomika globali, li jsaħħaħ il-governanza ekonomika u t-trasparenza, u li jtejjeb il-kundizzjonijiet għal tkabbir sostenibbli, bil-ħsieb li tiġi segwita l-integrazzjoni fl-UE.

1.4.4 Indikaturi tal-prestazzjoni

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.

L-awtoritajiet tal-Ukrajna se jkunu mitluba jirrapportaw lis-servizzi tal-Kummissjoni fuq bażi regolari dwar sett ta' indikaturi ekonomiċi u dwar ir-rekwiżiti ta' rapportar inklużi fil-MtQ.

Is-servizzi tal-Kummissjoni se jkomplu jimmonitorjaw il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, wara l-valutazzjoni operazzjonali taċ-ċirkwiti finanzjarji u l-proċeduri amministrattivi fl-Ukrajna, li tlestiet f'Ġunju 2020.

1.5 Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1 Rekwiżit/Rekwiżiti li għandu/għandhom jiġi/jiġu ssodisfat/ssodisfati f'terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva

L-iżborż tal-assistenza se jkun kundizzjonali fuq it-twertiq tal-prekundizzjoni kif ukoll tal-kundizzjonijiet ta' politika, elenkati f'Memorandum ta' Qbil bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-Ukrajna. L-assistenza hija pplanata li tiġi żborżata f'diversi pagamenti rateali. Ir-rilaxx tal-pagamenti rateali jseħħ malajr wara l-approvazzjoni ta' din il-proposta u d-dħul fis-seħħ tal-MtQ korrispondenti, u jsiru disponibbli minn hemm 'il quddiem.

L-assistenza se tkun ġestita mill-Kummissjoni. Japplikaw dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-prevenzjoni tal-frodi u ta' irregolaritajiet oħra, b'mod konsistenti mar-Regolament Finanzjarju. Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Ukreni jaqblu dwar MtQ li jstabbilixxi r-rekwiżiti ta' rapportar. Il-Kummissjoni se taħdem mill-qrib mal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u mal-awtoritajiet nazzjonali biex timmonitorja l-iżviluppi rilevanti u l-applikazzjoni tar-rekwiżiti u tal-kundizzjonijiet kif miftiehem fil-MtQ.

1.5.2 Valur miżjud tal-involvement tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-“valur miżjud tal-involvement tal-Unjoni” huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur li kieku kien jinhloq mill-Istati Membri waħedhom.

Din il-proposta twieġeb għall-ħtieġa ta' rispons komuni fl-għoti ta' appoġġ lill-Ukrajna fuq skala adegwata, li ma tistax tinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom u tista' tinkiseb aħjar mill-UE. Ir-raġunijiet ewlenin huma l-kapaċità fiskali u r-restrizzjonijiet baġitarji li qed jiġu ffaċċjati fil-livell nazzjonali u l-ħtieġa għal koordinazzjoni b'saħħitha tad-donaturi sabiex jiġu massimizzati l-iskala u l-effettività tal-appoġġ, filwaqt li jiġi limitat il-piż fuq il-kapaċità amministrattiva tal-awtoritajiet tal-Ukrajna, li hija mġebbda ħafna fiċ-ċirkostanzi attwali.

L-inizjattiva hija parti mill-oġġettiv tal-UE li tipprovdi appoġġ ta' likwidità għal terminu qasir lill-Ukrajna. Hija ssaħħaħ ukoll l-azzjonijiet mill-Unjoni għal appoġġ dirett umanitarju, ekonomiku u għad-difiża, kif ukoll l-inizjattivi tal-Unjoni biex tikkoordina azzjonijiet multilaterali, bħal “Stand up for Ukraine”. Min-natura tagħha

stess, hija wkoll katalizzatur għal riformi li jsaħħu r-reżiljenza tal-pajjiż fuq perjodu qasir u twassal ukoll għal stabbiltà mtejba tul perjodu itwal ta' żmien. Dawn l-eżiti mistennija huma partikolarment rilevanti għall-Ukrajna f'dan il-mument kritiku.

Il-valur miżjud ewlieni tas-self aġevolanti meta mqabbel ma' strumenti oħra tal-UE huwa li jtaffi malajr ir-restrizzjonijiet finanzjarji esterni u jgħin biex jiżgura qafas makrofinanzjarju stabbli kontinwu, inkluż bil-promozzjoni ta' bilanċ tal-pagamenti sostnut u sostenibbli u tas-sitwazzjoni baġitarja, f'qafas xieraq għar-rekwiżiti ta' rapportar.

1.5.3 Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imġoddi

L-operazzjonijiet ta' assistenza makrofinanzjarja fis-sħab huma soġġetti għal evalwazzjoni *ex post*. Evalwazzjonijiet *ex post* tal-operazzjonijiet preċedenti tal-AMF lill-Ukrajna wrew li b'mod ġenerali kienu rilevanti ħafna f'termini tal-oġġettivi, tal-pakkett finanzjarju u tal-oġġettivi ta' politika tagħha.

Dawn urew li kienu kruċjali biex jappoġġaw lill-Ukrajna fl-indirizzar tal-problemi tagħha tal-bilanċ tal-pagamenti u fl-implimentazzjoni ta' riformi strutturali ewlenin biex tiġi stabbilizzata l-ekonomija u tissaħħaħ is-sostenibbiltà tal-pożizzjoni esterna tagħha. Huma ppermettew iffrankar fiskali u benefiċċji finanzjarji, u aġixxew bħala katalist għal appoġġ finanzjarju addizzjonali u l-fiduċja tal-investituri.

1.5.4 Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra

Il-proposta hija kompatibbli mal-limiti massimi tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2021-2027. L-appoġġ fil-forma ta' self se jkun disponibbli għas-sena 2023. Ir-riżorsi għall-istrument se jiġu ffinanzjati permezz ta' self (sa EUR 18-il biljun għall-appoġġ ibbażat fuq is-self).

L-UE se tipprovdi sussidju tar-rata tal-imġax li se jiġi ffinanzjat minn kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri bħala dħul assenjat estern għall-baġit tal-UE. Għaldaqstant, din in-nefqa mhux se jkollha impatt fuq il-limiti massimi tal-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027.

1.5.5 Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni

L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni lill-Ukrajna fl-2022 kienet ġeneruża u effettiva. Madankollu, din l-assistenza ġiet ipprovduta fuq bażi *ad hoc*, li tkopri f'tit xhur kull darba. Dan kien jirrikjedi proviżjonament sinifikanti mill-baġit tal-UE u mill-garanziji nazzjonali. Għaldaqstant, jenħtieġ li jiġi kkunsidrat approċċ aktar strutturali u effiċjenti għall-appoġġ tal-Unjoni lill-Ukrajna fl-2023.

Din il-proposta tistabbilixxi qafas ordnat u sostenibbli għat-twassil tal-assistenza finanzjarja lill-Ukrajna, filwaqt li toffri biżżejjed flessibbiltà biex jiġi aġġustat l-appoġġ għall-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-pajjiż li qed jevolvu u tħejji t-triq għal Faċilità futura ta' "Rikostruzzjoni tal-Ukrajna", f'konformità mal-Komunikazzjoni tat-18 ta' Mejju 2022 dwar "l-Għajnuna u r-Rikostruzzjoni mill-Ukrajna"¹⁹ u l-prinċipji maqbula fil-Konferenza ta' Lugano għar-Riforma tal-Ukrajna ta' Lulju 2022.

¹⁹

COM/2022/233 final

Sabiex jiġi evitat li l-leġislaturi tal-UE u dawk nazzjonali jkollhom jirrikorru ripetutament għal kwistjonijiet ta' appoġġ finanzjarju, jenħtieġ li l-parametri ġenerali tal-appoġġ ta' għajjnuna u riabilitazzjoni tal-Unjoni jiġu deċiżi għall-2023 kollha.

Jenħtieġ li tiġi evitata aktar pressjoni fuq baġit tal-UE taħt pressjoni minħabba rekwiżiti ta' proviżjonament u arranġamenti kumplessi, li jinvolvu għadd kbir ta' garanziji nazzjonali *ad hoc*. Sistema unifikata u effiċjenti biex jiġu żgurati l-aħjar kundizzjonijiet ta' self u jiġi estiż l-aċċess għas-suq għal appoġġ fil-forma ta' self għandha vantaġġi kbar f'kuntest ta' spejjeż u rati tal-imgħax li qed jiżiedu.

1.6 It-tul ta' żmien u l-impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

☒ **tul ta' żmien limitat**

- ☐ fis-seħħ minn [DD/MM]YYYY sa [DD/MM]YYYY
- ☒ L-impatt finanzjarju fl-2023 għall-appoġġ fil-forma ta' self, u matul il-perjodu ta' ħlas lura għall-appoġġ fil-forma ta' sussidju tar-rata tal-imgħax, iffinanzjat minn dħul assenjat estern sakemm ma jkunx kopert permezz ta' mezzi oħra f'oqfsa finanzjarji pluriennali futuri.

☐ **tul ta' żmien mhux limitat**

- Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn YYYY sa YYYY,
- segwita b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7 Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)²⁰

☒ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

- ☒ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;
- ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit:

- ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;
- ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);
- ☐ lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investment;
- ☐ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;
- ☐ lill-korpi tal-liġi pubblika;
- ☐ lill-korpi rregolati minn liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati;
- ☐ lill-korpi rregolati minn liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblikaprivata u li jkollhom garanziji finanzjarji adegwati;

²⁰

Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jistgħu jinstabu fis-sit BudgWeb: <https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/EN/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx>

- ☐ lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-
Titolu V TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.
- *Jekk jiġi indikat iżjed minn mod ta' ġestjoni wieħed, ipprova d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

Mhux	applikabbli
------	-------------

MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1 Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Japplikaw l-obbligi ta' monitoraġġ u rapportar skont ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.

Il-monitoraġġ tal-azzjoni mis-servizzi tal-Kummissjoni jsir fuq il-bażi tal-miżuri speċifiċi li għandhom jiġu miftiehma mal-awtoritajiet Ukreni f'Memorandum ta' Qbil (MtQ).

Il-MtQ se jinkludi rekwiżiti ta' rapportar li jiżguraw, b'mod partikolari, l-effiċjenza, it-trasparenza u r-responsabbiltà tal-użu tal-appoġġ taħt l-Istrument.

Il-Kummissjoni tivverifika, f'intervalli regolari, l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar u l-progress li jkun sar lejn l-issodisfar tal-kundizzjonijiet ta' politika stabbiliti fil-MtQ. Il-Kummissjoni tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-riżultati ta' dik il-verifika.

Il-Kummissjoni se tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-Ukrajna, inkluża evalwazzjoni ta' dik l-implimentazzjoni.

Sa mhux aktar tard minn sentejn wara tmiem il-perjodu ta' disponibbiltà, il-Kummissjoni tibgħat rapport ta' evalwazzjoni *ex-post* lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jivvaluta r-riżultati u l-effiċjenza tal-appoġġ mitmum tal-Istrument tal-Unjoni u sa liema punt din ikkontribwiet għall-għanijiet tal-assistenza.

2.2 Sistema/Sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1 Ġustifikazzjoni tal-mod/tal-modi ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/mekkaniżmi għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta

L-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati b'din il-proposta se jiġu implimentati taħt ġestjoni diretta mill-Kummissjoni, billi tikkonċerna appoġġ finanzjarju pprovdut direttament lill-Istat.

L-appoġġ bl-Istrument se jsir disponibbli mill-Kummissjoni f'pagamenti rateali, li kull wiehied minnhom għandu jikkonsisti f'self u, jekk ikun disponibbli, appoġġ mhux ripagabbli.

L-iżborżi jistgħu jiġu organizzati b'mod flessibbli u rapidu b'rispons għall-ħtiġijiet tal-awtoritajiet Ukreni. Dawn jistgħu jiġu previsti, pereżempju, fuq bażi trimestrali sabiex jiġi minimizzat il-piż amministrattiv fuq l-awtoritajiet Ukreni.

Jenħtieġ li l-appoġġ jiġi rilaxxat soġġett għar-rispett tal-prekundizzjonijiet, l-implimentazzjoni sodisfaċenti u l-progress lejn l-implimentazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' politika.

2.2.2 Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/sistemi ta' kontroll intern stabbilita/stabbiliti għall-mitigazzjoni tagħhom

Hemm riskji politiċi, fiduċjarji u ta' politika marbutin mal-operazzjoni proposta. Riskju ewlieni għall-operazzjoni jirriżulta mill-kontinwazzjoni tal-gwerra kkawżata mill-invażjoni Russa mhux ġustifikata u mhux ipprovokata tal-Ukrajna, li jista'

jkollha impatt negattiv ulterjuri fuq l-istabbiltà makroekonomika u l-kapaċità amministrattiva tal-Ukrajna.

Hemm ir-riskju li s-self jista' jintuża b'mod qarrieqi. Billi l-proposta mhijiex imfassla għal spejjeż speċifiċi (għall-kuntrarju tal-finanzjament ta' proġett, pereżempju), dan ir-riskju huwa relatat ma' fatturi bħalma huma l-kwalità ġenerali tas-sistemi ta' ġestjoni fil-Bank Nazzjonali tal-Ukrajna u fil-Ministeru tal-Finanzi, il-proċeduri amministrattivi, il-funzjonijiet ta' kontroll u sorveljanza, is-sigurtà tas-sistemi tal-IT u l-adegwatezza tal-kapaċitajiet ta' awditjar interni u esterni.

It-tielet riskju ġej mill-possibbiltà li l-Ukrajna tonqos milli tħallas l-obbligazzjonijiet finanzjarji lejn l-UE li jirriżultaw mis-self propost (riskju ta' inadempjenza jew kreditu) li jista' jkun ikkawżat, pereżempju, minn deterjorament addizzjonali sinifikanti tal-bilanċ tal-pagamenti u l-pożizzjoni fiskali tas-sieħeb. Għal dak l-għan, wara d-dħul fis-seħħ ta' din l-emenda tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, il-Kummissjoni se tadotta u timplimenta qafas ta' governanza usa', proċeduri ta' ġestjoni tar-riskju, u metodoloġija tal-allokkazzjoni tal-ispejjeż.

Sistemi ta' kontroll intern

L-operazzjonijiet ikunu soġġetti għal proċeduri ta' verifika, kontroll u awditjar taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni, inkluż tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), u tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri kif previst fl-Artikolu 129 tar-Regolament Finanzjarju. Matul l-implimentazzjoni, il-Kummissjoni tivverifika perġodikament id-dikjarazzjonijiet tas-sieħeb. Il-pagament huwa soġġett għal monitoraġġ mill-persunal tal-Kummissjoni. L-iżborż relatat mal-operazzjonijiet jista' jkun soġġett għal verifiki *ex post* addizzjonali indipendenti (dokumentarji u/jew fil-post) minn uffiċjali tat-tim ta' kontroll *ex post* tad-dipartiment rilevanti tal-Kummissjoni. Tali verifiki jistgħu jinbdew ukoll b'talba tal-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli permezz ta' subdelega. Interruzzjonijiet u sospensjonijiet ta' pagamenti, korrezzjonijiet finanzjarji (implimentati mill-Kummissjoni) u rkupri jistgħu jitwettqu fejn meħtieġ (dan għadu ma seħħ qatt sa issa), u huma previsti b'mod espliċitu fil-ftehimiet ta' finanzjament mas-sħab.

2.2.3 Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-“ispejjeż tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti”) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' żball (mal-ħlas u fl-għeluq)

Is-sistemi ta' kontroll fis-seħħ sa issa żguraw rata ta' żball effettiva ta' 0 % għat-tip ta' pagamenti ta' assistenza makrofinanzjarja. Ma hemm l-ebda każ magħruf ta' frodi, korruzzjoni jew attività illegali. L-operazzjonijiet għandhom loġika ċara ta' intervent, waħda li tippermetti lill-Kummissjoni tevalwa l-impatt tagħhom. Il-kontrolli jippermettu l-konferma tal-assigurazzjoni u tal-kisba tal-oġġettivi u l-prijoritajiet tal-politika.

2.3 Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, pereż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.

Sabiex jittaffew ir-riskji tal-użu frodulent i tiegħu u se jittiegħu diversi miżuri: Ftehim ta' Self li għandu jiġi konkluż bejn il-Kummissjoni u l-Ukrajna f'konformità mal-Artikolu 220 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046. It-termini dettaljati ta' kwalunkwe appoġġ mhux ripagabbli disponibbli flimkien mas-sussidju tar-rata tal-imgħax għandhom jiġu stabbiliti fi ftehim ta' finanzjament li għandu jiġi konkluż bejn il-Kummissjoni u l-Ukrajna.

Il-ftehimiet se jipprovdu għadd ta' dispożizzjonijiet dwar l-ispezzjoni, il-prevenzjoni tal-frodi, l-awditjar u l-irkupru ta' fondi f'każ ta' frodi jew ta' korruzzjoni. B'mod partikolari, il-ftehimiet ta' self u ta' finanzjament se jinkludu dispożizzjonijiet biex il-Kummissjoni twettaq verifiki, biex il-Qorti tal-Awdituri twettaq awditi u biex l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew jeżerċita l-kompetenzi tiegħu, f'konformità mal-Artikoli 129 u 220 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.

Huwa previst ukoll li għadd ta' rekwiżiti ta' rapportar se jkunu marbuta mal-assistenza, bil-ħsieb li jissaħħu t-trasparenza u l-akkontabilità dwar l-użu tal-fondi.

IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1 Intestatura/Intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja baġitarja/linji baġitarji tan-nefqa affettwata/affettwati

- Linji baġitarji ġodda mitluba

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux -diff.	mill-pajjiżi tal-EFTA	mill-pajjiżi kandidati	minn pajjiżi terzi	fis-sens tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
6	Linja ġdida għas-sussidju tar-rata tal-imgħax	Diff				
	Linja ġdida għan-nefqa ta' appoġġ skont l-Artikolu 4(4)	Mhux diff.	IVA	IVA	IVA	IVA
	Linja ġdida għal appoġġ mhux ripagabbli skont l-Artikolu 4(3)	Diff				

3.2 Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-appropriazzjonijiet

3.2.1 Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali

In-nefqa proposta marbuta mal-Istrument għall-għoti ta' appoġġ lill-Ukrajna se tkun koperta minn ammont massimu ta' EUR 18 000 000 000 fil-forma ta' self li jirriżulta minn operazzjonijiet ta' teħid b'self tal-Unjoni.

L-ammonti li jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet volontarji speċifiċi mill-Istati Membri (bħala dħul assenjat estern) jintużaw għall-finijiet li ġejjin:

appoġġ għall-ispejjeż tal-imgħax tas-self – l-ebda volum fil-mira ma jista' jiġi stabbilit minn qabel billi dawn l-ispejjeż se jiddependu fuq l-imgħax attwali fuq is-self;

- attivitajiet koperti mill-Memorandum ta' Qbil tal-Istrument;
- jiġu ridirezzjonati lejn l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali (Neighbourhood, Development and International Cooperation Instrument, NDICI) u/jew Għajnuna Umanitarja għall-attivazzjoni għall-benefiċċju tal-Ukrajna.

Barra minn hekk, pajjiżi u terzi persuni jistgħu jagħmlu disponibbli riżorsi addizzjonali għal dawk deskritti hawn fuq, bħala dħul assenjat estern biex jikkontribwixxu għall-Memorandum ta' Qbil tal-Istrument jew biex jiġu ridirezzjonati lill-NDICI u/jew lill-Għajnuna Umanitarja għal attivitajiet li minnhom tibbenefika l-Ukrajna.

Strument għall-għoti ta' appoġġ lill-Ukrajna (suppożizzjoni: appropriazzjonijiet ta' impenn ugwali għal appropriazzjonijiet ta' pagament)	Sena 2023	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027
• Appropriazzjonijiet operazzjonali (li minnhom)					
Self	18 000 000 000	-	-	-	-
Appoġġ mhux ripagabbli biex ikopri s-sussidju tar-rata tal-imgħax	pm	pm	pm	pm	pm
Kontribuzzjonijiet addizzjonali għal appoġġ mhux ripagabbli	pm	pm	pm	pm	pm

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	7	"Nefqa amministrattiva"
--	----------	-------------------------

Din it-taqsima jenħtieġ li timtela billi tintuża d-*"data baġitarja ta' natura amministrattiva"* li, qabel kollox, trid tiġi introdotta fl-Anness tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġislattiva (l-Anness V tar-regoli interni), li jittella' fid-DECIDE għall-finijiet ta' konsultazzjoni bejn is-servizzi.

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi kemm idum tal-impatt (ara l-punt 1.6)	TOTAL
DG: <.....>						

• Riżorsi umani								
• Nefqa amministrattiva oħra								
TOTAL TAD-DĠ <.....>	Appropriazzjonijiet							

TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Total ta' impenji = Total ta' pagamenti)							
---	---	--	--	--	--	--	--	--

3.2.2 Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet amministrattivi

- ☒ Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva
- ☐ Il-proposta/L-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena 2023 ²¹	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	TOTAL
--	----------------------------	--------------	--------------	--------------	--------------	-------

INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali						
Riżorsi umani						
Nefqa amministrattiva oħra						
Subtotal tal- INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali						

Barra mill- INTESTATURA 7²² tal-qafas finanzjarju pluriennali						
Riżorsi umani	pm	pm	pm	pm	pm	pm
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva	pm	pm	pm	pm	pm	pm
Subtotal barra mill- INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali						

TOTAL	pm	pm	pm	pm	pm	pm
--------------	----	----	----	----	----	----

L-appropriazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-appropriazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazżjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazżjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

²¹ Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi l-"N" bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

²² Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

- ☒ Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani.
- ☐ Il-proposta/L-inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima għandha tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time

	2023	2024	2025					Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi kemm idum l-impatt (ara l-punt 1.6)
• Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)								
20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)								
20 01 02 03 (Delegazzjonijiet)								
01 01 01 01 (Riċerka indiretta)								
01 01 01 11 (Riċerka diretta)								
Linji baġitarji oħrajn (speċifika)								
• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full Time: FTE)²³								
20 02 01 (AC, END, INT mill-“pakkett globali”)								
20 02 03 (AC, AL, END, INT u JPD fid-delegazzjonijiet)								
14 01 06 ²⁴	- fil-Kwartieri Ġenerali							
	- fid-Delegazzjonijiet							
01 01 01 02 (AC, END, INT - Riċerka indiretta)								
01 01 01 12 (AC, END, INT – Riċerka diretta)								
Linji baġitarji oħrajn (speċifika)								
TOTAL								
• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full Time: FTE) - AC, AL, END, INT u JED ²⁵								
Linja baġitarja oħra: Dħul assenjat								
Iffinanzjat minn dħul assenjat – fil-Kwartieri Ġenerali								
Iffinanzjat minn dħul assenjat – f'Delegazzjoni								
TOTAL								

XX huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

²³ AC = Persunal bil-Kuntratt; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondar; INT = persunal tal-aġenziji; JPD = Professjonisti Subalterni f'Delegazzjonijiet.

²⁴ Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprijazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji “BA”).

²⁵ AC = Persunal bil-Kuntratt; AL = Persunal Lokali; END = Esperti Nazzjonali Sekondari; INT = persunal tal-aġenziji; JPD = Professjonisti Subalterni f'Delegazzjonijiet.

Uffiċjali u aġenti temporanji	
Persunal estern	

3.2.3 Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

Is-self se jiġi ffinanzjat minn teħid b'self tal-UE fis-swieq finanzjarji.

- ☐ tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP).

Spjega liema riprogrammazzjoni hija meħtieġa, filwaqt li tispeċifika l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti. Ipprovi tabella Excel f'każ ta' riprogrammazzjoni kbira.

- ☐ teħtieġ l-użu tal-marġni mhux allokat taħt l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali ddefiniti fir-Regolament dwar il-QFP.

Spjega x'inhum meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati, l-ammonti korrispondenti, u l-istrumenti proposti li għandhom jintużaw.

- ☒ teħtieġ reviżjoni tal-QFP.

L-inizjattiva tirrikjedi aġġustament immirat tar-Regolament QFP biex is-self lill-Ukrajna jkun jista' jiġi appoġġat minn garanzija mill-marġni ta' manuvra tal-baġit tal-UE, jiġifieri l-isparju baġitarju 'l fuq mil-limitu massimu għall-pagamenti tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) sal-limiti tal-limitu massimu tar-riżorsi proprji. Dan se jipprovdi livell għoli ta' protezzjoni u riassigurazzjoni lill-investituri, jevita l-istabbiliment għali ta' garanziji nazzjonali, mingħajr bidliet fid-daqs jew fil-limiti massimi tal-QFP. Dan jeħtieġ emenda limitata tar-Regolament QFP (UE, Euratom) 2020/2093 li se tippermetti l-obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw mill-assistenza finanzjarja lill-Ukrajna jiġu ttrattati bl-istess mod bħall-assistenza finanzjarja għall-Istati Membri. Tali emenda limitata ma tirrevedix il-limiti massimi applikabbli tal-QFP 2021-2027.

3.2.4 kontribuzzjonijiet ta' terzi persuni

Il-proposta/L-inizjattiva:

- ☒ ma tippredix kofinanzjament minn terzi persuni²⁶
- ☐ tippredix l-kofinanzjament minn terzi persuni kif stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena N ²⁷	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi kemm idum l- impatt (ara l-punt 1.6)			Totali
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament								
TOTAL tal-appropriazzjonijiet kofinanzjati								

²⁶ Il-kontribuzzjonijiet ta' terzi persuni se jkunu fil-forma ta' dħul assenjat ippreżentat fit-taqsimi ta' hawn taħt.

²⁷ Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Ibdel l-"N" bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

3.3 Impatt stmat fuq id-dħul

- ☐ Il-proposta/L-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- ☒ Il-proposta/L-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
 - ☐ fuq ir-riżorsi proprji
 - ☒ fuq dħul ieħor
 - indika, jekk id-dħul hux assenjat għal-linji tan-nefqa ☒

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet
pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Appropriazzjo nijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva ²⁸						
		Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi kemm idum l-impatt (ara l-punt 1.6)		
	<i>p.m.</i>	<i>p.m.</i>	<i>p.m.</i>	<i>p.m.</i>	<i>p.m.</i>	<i>p.m.</i>	<i>p.m.</i>	<i>p.m.</i>

Għal dħul assenjat, speċifika l-linja/linji baġitarja/baġitarji tan-nefqa affettwata/affettwati.

Ara t-Taqsima 3.2.1 hawn fuq.

²⁸

Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-ispejjeż tal-ġbir.